*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,669, 9 ta' Novembru, 2010*

*Taqsima B*

**A.L. 476 ta' l-2010**

## ATT DWAR IL-MEDIĊINI (KAP. 458)

### Regoli ta' l-2010 dwar il-Ħinijiet li fihom Jiftħu l-Ispiżeriji

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 89 ta' l-Att dwar il-Mediċini, l-Awtorità dwar il-Liċenzjar għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolament hu Regolamenti ta' l-2010 dwar il-Ħinijiet li fihom Jiftħu l-Ispiżeriji. Titolu.

**2.** (1) L-ispiżeriji f'Malta u Għawdex għandhom jiftħu mill-inqas mid-9.00 a.m. sa 12.00 nofsinhar u mill-4.00 p.m. sas-7.00 p.m. mit-Tnejn sas-Sibt u jistgħu jibqgħu miftuħin għal kull żmien aktar minn dawn is-siegħat. Ftuħ ta' spiżeriji matul il-ġranet tal-ġimgħa.

(2) Is-Sibt wara nofsinhar l-ispiżjar responsabbli jista' ma jiftaħx l-ispiżerija tiegħu sakemm ikun hemm spiżerija oħra li tkun miftuħa f'dik il-lokalità kif imfissra fit-Tieni Skeda li tinsab mal-Att dwar Kunsill Lokali, u skond roster li jinħareġ mill-Awtorità dwar il-Liċenzjar: Kap. 363.

Iżda f'dawk il-lokalitajiet fejn ikun hemm biss spiżerija waħda, dik l-ispiżerija għandha tiġi inkluża fir-roster ta' spiżeriji għal-lokalità fil-viċin skond ma tista' tiddeċiedi l-Awtorità dwar il-Liċenzjar.

(3) Ikun id-dmir ta' l-ispiżjar responsabbli li ma jiftaħx l-ispiżerija tiegħu s-Sibt wara nofsinhar li juri b'mod ċar fuq il-bieb tal-ispiżerija tiegħu l-isem u l-indirizz tal-ispiżerija li tkun miftuħa f'dik il-lokalità, kif imfissra fit-Tieni Skeda li tinsab mal-Att dwar Kunsill Lokali, u skond ir-roster li jinħareġ mill-Awtorità dwar il-Liċenzjar.

Ftuħ ta' spiżeriji fil-Ħdud u vaganzi pubbliċi.

**3.** Ikun id-dmir ta' l-ispiżjar responsabbli li jiżgura li fil-Ħdud u l-vaganzi pubbliċi l-ispiżerija tiegħu tkun mill-inqas miftuħa mid-9.00 a.m. sa 12.00 nofsinhar sewwa sew kif ikun hemm fir-roster li jinħareġ għal dak l-għan mill-Awtorità dwar il-Liċenzjar:

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' din ir-regola m'għandhomx ikunu japplikaw għall-ispiżerija li tinsab fil-bini tal-Malta International Airport.

Jirrevoka A.L. 364 ta' l-2002.

**4.** L-Ordni ta' l-2002 dwar il-Ħinijiet tal-Ftuħ ta' l-Ispiżeriji, qiegħed b'dawn jiġi revokat.

**L.N. 476 of 2010**

## MEDICINES ACT
## (CAP. 458)

### Pharmacies (Opening Hours) Rules, 2009

IN exercise of the powers conferred by article 89 of the Medicines Act, the Licensing Authority has made the following rules:-

Title.

**1.** The title of these rules is the Pharmacies (Opening Hours) Rules, 2010.

Opening of pharmacies on weekdays.

**2.** (1) Any pharmacy in Malta and Gozo shall be open from at least 9.00 a.m. till 12.00 noon and from 4.00 p.m. till 7.00 p.m. from Monday to Saturday and may remain open for any period beyond these hours.

(2) On Saturday afternoon the managing pharmacist may not open his pharmacy as long as there is another pharmacy which is open in that locality as defined in the Second Schedule to the Local Councils Act and according to a roster issued by the Licensing Authority:

Cap. 363.

Provided that in those localities where there is only one pharmacy, such pharmacy will be included in the roster of pharmacies for the neighbouring locality as the Licensing Authority may determine.

(3) It shall be the duty of the managing pharmacist who does not open his pharmacy on a Saturday afternoon to have clearly displayed on the door of his pharmacy the name and address of the pharmacy which is open in that locality, as defined in the Second Schedule to the Local Councils Act, and according to the roster issued by the Licensing Authority:

Opening of pharmacies on Sundays and public holidays.

**3.** It shall be the duty of the managing pharmacist to ensure that on Sundays and public holidays his pharmacy shall at least be open from 9.00 a.m. to 12.00 noon strictly in accordance with the roster issued for the purpose by the Licensing Authority.

Provided that the provisions of this rule shall not apply for that pharmacy at the Malta International Airport.

Revokes L.N. 364 of 2002.

**4.** The Opening Hours of Dispensaries Order, 2002 is hereby being revoked.

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*
Prezz/*Price*
€0.19